

21995A0315(01)

15.3.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 57/78

FTEHIM**fil-għamla ta' skambju ta' ittri li jemedaw il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Arbija tal-Jemen***A. Ittra mir-Repubblika Arbija tal-Jemen*

Brussel, is-6 ta' Marzu 1995.

Sinjur,

B'referenza għall-konsultazzjonijiet miżmuma bejn ir-rapreżentanti tal-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Jemen bil-għan li jkun adattat il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Arbija tal-Jemen, bħala segwiment ta' l-unifikazzjonjoni tar-Repubblika Arbija tal-Jemen u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Jemen fit-22 ta' Mejju 1990 sabiex tkun iffurmata ir-Repubblika tal-Jemen, għandi l-unur li niddikjara li, b'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali, id-disposizzjonijiet ta' dak il-Ftehim ta' Koperazzjoni japplikaw għat-territorju tar-Repubblika tal-Jemen.

Nitolbok tikkonferma il-ftehim tal-Komunità Ewropea għal din l-estenzjoni.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Fisem il-gvern tar-Repubblika tal-Jemen

ABDULKARIM AL-ERYANI

B. Ittra minn għand il-Komunità Ewropea

Brussel, is-6 ta' Marzu 1995.

Sinjur,

Għandi l-unur nirrikonoxxi li rċevejt l-ittra tiegħek li tistqarr kif ġej:

"B'referenza għall-konsultazzjonijiet miżmuma bejn ir-rapreżentanti tal-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Jemen bil-għan li jkun adattat il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Arbija tal-Jemen, bħala segwiment ta' l-unifikazzjonjoni tar-Repubblika Arbija tal-Jemen u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Jemen fit-22 ta' Mejju 1990 sabiex tkun iffurmata ir-Repubblika tal-Jemen, għandi l-unur li niddikjara li, b'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali, id-disposizzjonijiet ta' dak il-Ftehim ta' Koperazzjoni japplikaw għat-territorju tar-Repubblika tal-Jemen.

Nitolbok tikkonferma il-ftehim tal-Komunità Ewropea għal din l-estenzjoni."

Għandi l-unur li nikkonferma il-ftehim tal-Komunità Ewropea għal din l-estenzjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Fisem il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

A. JUPPÉ

M. MARÍN